MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Numru 332/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Gatt)**

**vs**

**Christian Fenech**

**Citazzjoni numru 332/2002**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija fil-konfront ta’ Christian Fenech u dan talli f’dawn il-gzejjer fl-10 ta’ Novembru 2002 u f’dawn l-ahhar sentejn qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja, jew xort'ohra awtorizzat, li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.
2. Fl-istess data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi ir-raza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali anness.

Semghet lill-akkuzat, minn jeddu, jammetti l-akkuzi kollha kif dedotti.

Issibu hati talli f'dawn il-gzejjer fl-10 ta' Novembru 2002, u f'dawn l-ahhar sentejn qabel din id-data:
1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

2. Fl-istess data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi ir-raza.
Rat ir-Regolament 8 tal-Avviz Legali 292/39 u l-Artikoli 8 (a), 22 (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, wara li rat il-fedina penali netta tal-akkuzat u semghet il-partijiet, thoss li minflok il-piena

stipulata skond il-Ligi, li ghandha tapplika l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li l-akkuzat jitpogga taht Probation ta' sentejn millum.

In oltre il-Qorti torda d-distruzzjoni tas-siringa u d-droga esebita f'dan il-kaz, taht is-supervizzjoni tal-ispizjar Mario Mifsud li ghandu jirrelata dwar l-istess distruzzjoni sa zmien xahar millum.

Alan Calleja
Deputat Registratur